**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' APRIL, 2002**

**Avviz Nru: 759/01 AJD**

**Felix u Theresa konjugi Galea**

**vs**

**Emanuel Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta' Awissu, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi risarciment ta' danni komplessivi fl-ammont ta' erba' mija u tlettax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm413.75), risultanti minn incident awtomobilistiku li gara fil-Marsa fil-11 ta' Mejju, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru KBD 462 baqa' diehel fuq wara tal-vettura numru HAD 943 propjeta' ta' l-atturi, li bhala konsegwenza sfat imbuttata u mahbuta go vettura ohra li kienet quddiemha, propjeta' ta' terzi, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-5 ta' Gunju, 2001, dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2001, u dawk tal-ittra ufficjali presentata mal-avviz tat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Mlata, u bl-imghax legali mid-data tal-presentata tal-avviz, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-
1. Illi d-danni reklamati mill-atturi huma esagerati billi mhux veru li l-karozza tal-atturi numru HAD 943 giet imbuttata fuq il-karozza ta' quddiemha bil-habta minn naha ta' wara bil-karozza tal-eccipjenti numru KBD 462, izda meta l-eccipjent dahal minn wara bil-karozza numru KBD 462 fil-karozza tal-atturi numru HAD 943, din ga kienet mahbuta mal-karozza ta' quddiemha kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk se mai id-danni kagunati mill-eccipjent huma dawk sofferti fuq in-naha ta' wara tal-karozza tal-atturi;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda tal-attur Felix Galea, Joseph Portelli, Theresa Portelli, Theresa Galea, Natalino Agius, u tal-konvenut Emmanuel Spiteri.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:-
1. Illi l-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fil-11 ta' Mejju, 2001, gewwa l-Marsa, bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAD 943 misjuqa mill-attur Felix Galea, il-vettura KBD 462 misjuqa mill-konvenut u l-vettura LAM 602 misjuqa minn Joseph Portelli.

2. Illi bhal ma jigri f'hafna kollizzjonijiet ta' din in-natura, u cioe' kollizzjoni bejn tlett vetturi fejn id-daqqa tkun fuq wara, il-kwistjoni bejn il-partijiet hija jekk il-vettura tan-nofs (dik tal-attur fil-kawza odjerna) u l-vettura ta' quddiem (il-vettura ta' Portelli) kienux diga' mahbutin meta dahlet fihom il-vettura ta' wara nett (dik tal-konvenut) jew inkella jekk kienitx il-vettura ta' wara nett li mbuttat il-vettura tan-nofs fuq il-vettura ta' quddiem.

3. Illi l-attur qed isostni li fid-data tal-incident waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu fil-Marsa, quddiem is-Super One Television, hass daqqa fuq wara u bhala konsegwenza baqa' diehel fil-vettura ta' Portelli li kienet quddiemu. Id-daqqa fuq wara qalaghha minghand il-vettura misjuqa mill-konvenut Spiteri.

4. Illi l-konvenut Spiteri min-naha l-ohra jghid li dakinhar tal-incident waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu il-Marsa, il-karozzi ta' quddiemu waqfu f'salt, sema' hoss kbir u beda jizzerzaq fuq il-karozza ta' quddiemu. Huwa zied jghid li malli sema' l-hoss, ghafas il-'brake' u baqa' jitkaxkar fuq il-vettura li kien hemm quddiemu. Dejjem skond il-konvenut, il-hsara fil-vettura tieghu u f'dik tal-attur kienet minima u kienet tikkonsisti biss f'ghafsa fiz-zewg

‘bumpers’. Wara li nizel mill-vettura tieghu, il-konvenut ra li l-vettura tal-attur kellha l-fanali ta’ quddiem miksurin, ix-xibka mal-art, ‘radiator’ iqattar u l-‘bumper’ mal-art. Wara l-habta kien hemm distanza sewwa bejn il-vettura ta’ quddiem nett u l-vettura tan-nofs, filwaqt li bejn il-vettura tan-nofs u l-vettura tal-konvenut kien hemm distanza zghira.

5. Illi Joseph Portelli, is-sewwieq tal-vettura ta’ quddiem nett, jghid li huwa ma rax il-vettura ta’ Spiteri timbotta l-vettura tal-attur fil-vettura tieghu izda qal ukoll li daqqa wahda biss hass u din id-daqqa kienet tikkonsisti f’impatt f’salt. Huwa jghid ukoll li l-vettura tal-attur kellha hsara kemm fuq quddiem, kif ukoll fuq wara. Mart Portelli, Theresa Portelli, wkoll ikkonfermat li hija daqqa wahda biss hasset.

6. Illi inqalghet kwistjoni bejn il-partijiet dwar il-kontenut tal-‘Front to Rear Form’ li tirrigwarda l-habta bejn l-attur u l-konvenut. Il-konvenut esebixxa kopja tal-‘Front to Rear Form’ bil-firma tal-attur fejn hemm indikat li l-hsara fil-vettura tal-attur fuq in-naha ta’ wara kienet negligibbli. L-attur isostni li ghalkemm jaghraf il-firma tieghu fuq din il-formola, huwa ma jaqbilx mal-kontenut tal-istess. Il-partijiet involuti f’din il-kollizjoni kollha kkonfermaw li l-formoli mtlew mill-konvenut. L-attur jghid li huwa ma zammx kopja ta’ din il-formola u min-naha l-ohra l-konvenut ma kienx konvincenti dwar x’ghamel b’din il-formola wara l-incident. In vista ta’ dan, it-Tribunal m’huwiex ser jiehu konjizzjoni tal-kontenut ta’ dan id-dokument.

7. Illi l-konvenut ghamel riferenza ghal sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta’ Ottubru, 1992, fil-kawza fl-ismijiet ‘Joseph Vincent Rausi nomine vs Joseph Muscat’, fejn il-Qorti rinfaccjata b’zewg verzjonijiet djametrekalment differenti u kontradittorji dwar kif sehh l-incident fejn kull wahda mill-verzjonijiet kienet plawzibbli, ddecidiet li l-attur ma kienx soddisfacentement u konkludentement ipprova t-talbiet tieghu.

8. Illi t-Tribunal jidhirlu li dan il-principju ma japplikax ghal kaz odjern ghaliex fil-fehma tat-Tribunal l-attur irnexxielu jipprova soddisfacentement li l-vettura tal-konvenut imbuttat il-vettura tieghu fil-vettura ta’ quddiemha u dan irnexxielu jippruvah permezz tax-xhieda tas-sewwieq tal-vettura ta’ quddiem nett li kif diga’ ntqal aktar il-fuq ikkonferma li huwa daqqa wahda biss hass u kkonferma wkoll li l-vettura tal-attur kellha hsara kemm fuq wara kif ukoll fuq quddiem. Inoltre, s-‘surveyor’ imqabbad mill-attur u cioe’ Natalino Agius (vide ‘survey report’ esibit a fol. 18 et seq) jghid “According to my opinion the vehicle has received an impact from the rear directly on the rear panel and has been pushed on the vehicle in front of it with the result of damaging also the front panels”. Fix-xhieda li ta ‘viva voce’ fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru, 2001, is-‘surveyor’ spjega li l-ammont globali

involut ghall-'labour' kien ta' mija u sittin lira Maltin (Lm160.00) u minn dan l-ammont disghin lira Maltin (Lm90.00) kien jinvolvi l-hsara fuq wara tal-vettura tal-attur.  Il-'parts' li kellhom jinbidlu fuq in-naha ta' wara tal-vettura kienu l-'bumper' u n-'number plate light' u l-prezz ghall-ispray fuq in-naha ta' wara kien ta' mitt lira Maltin (Lm100.00).

9.  Illi mill-assjem tal-provi, it-Tribunal jinsab konvint li kien il-konvenut li habat mal-vettura tal-attur u mbuttaha fil-vettura ta' quddiemha u ghalhekk il-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-kollizjoni tal-11 ta' Mejju, 2001.

10.  Illi l-konvenut ma kkontestax il-'quantum' tad-danni reklamati mill-atur u inoltre dan tal-ahhar esibixxa kemm is-'survey report' li jelenka l-hsara kif ukoll l-ircevuti relattivi.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-ececzzjonijiet tal-konvenut, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u tlettax il-lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm413.75) bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju, 2001, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata mal-avviz tat-talba ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, jithallsu nterament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**